TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Lucienne Azzopardi**

**Vs**

**Maria Regina Granata ghan-nom ta' Granata Travel**

CCT 212/23/CC

Illum 22 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fl-10 ta' Novembru 2023, fejn talbet li tigi rifuza l-ammont ta' €600 (sitt mitt ewro) rapprezentanti rifuzjoni parzjali minn ammont akbar imhallas lil intimata, rigwardanti gita organizzata mill-intimata bejn it-28 ta' Awissu 2023 u l-1 ta' Settembru 2023 lejn Sqallija.

Ra li l-intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attrici, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Illi fis-seduti skedati ghal produzzjoni tal-provi tal-partijiet, dehret l-attrici u dehret ukoll l-intimata, li entrambi ipproducew il-provi, inkluz provi dokumentarji kif ukoll xhieda viva voce, li ddeponew fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attrici.

Sema' l-attrici Lucienne Azzopardi, u lir-ragel taghha George Azzopardi jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024.

Sema' lil intimata Maria Regina Granata ghan-nom ta' Granata Travel tixhed bil-gurament fis-seduta tas-16 ta' April 2024.

Sema' lix-xhieda Carmen Micallef u Maria Dolores Bonavia prodotti mill-intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2024.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li l-attrici flimkien maz-zewgha George Azzopardi ipprenotaw gita ma' l-intimata lejn Sqallija, liema gita kienet bejn it-28 ta' Awissu 2023 u l-1 ta' Settembru 2023. Din il-gita kienet bl-ajru, u l-akkomodazzjoni kienet fuq bazi 'all inclusive'.

Illi l-attrici tispjega li hija flimkien mar-ragel taghha hargu dizappuntati hafna bil-livell ta' l-ikel li inghataw waqt li kienu alloggjati fir-resort 'Villaggio Hotel Club Calanovellamare', kif ukoll bil-livell ta' l-akkomodazzjoni li huma inaghtaw. Hija tispjega li precedentement ghal gita, l-intimata ma pprovdietx l-isem tar-resort. L-attrici tghid li hija afdat lil intimata, izda il-vaganza li hija u r-ragel pprenotaw, ma kienetx kif kienet qieghda tigi reklamata mill-intimata.

Illi l-attrici tispjega wkoll li ghalkemm l-alloggjar kien fuq bazi ta' 'all inclusive' gara li l-ghazla ta' l-ikel ma kienetx sodisfacenti, u tul il-btala kellhom jixtru ikel ghalihom.

L-attrici tispjega wkoll li l-aspett in generali ta' l-akkomodazzjoni ma kienx sodisfacenti, b'dan li l-kmamar ma kienux mizmumin tajjeb bhala livell ta' igene. L-attrici tispjega li l-pixxina fejn kienu allogjati kienet tkun maghluqa bejn is-siegha u l-erba' ta' wara nofsinhar, u huma kienu jispiccaw jidhlu fir-resort wara nofsinhar u joqoghdu gewwa sa' l-ghada.

Illi l-attrici hallset lil intimata s-somma totali ta' €1,398 (elf, tlett mija tmienja u disghin ewro), ghal zewg persuni. It-talba avvanzata mill-attrici ghal ammont ta' €600 (sitt mitt ewro) giet ikkalkulata fuq ammont ta' €300 (tlett mitt ewro) rifuzjoni ghal kull persuna pprenotata f'din it-transazzjoni.

Illi l-intimata Maria Regina Granata xehdet fl-atti ta' dawn il-proceduri u spjegat li fil-grupp ta' din il-gita partikolari, hija kellha tmienja u erbghin persuna, li sittax minnhom ressqu ilment. Hija tispjega li l-livell ta' l-ikel kien wiehed tajjeb, u sabet ko-operazzjoni mill-persuni li kienu inkarigati mill-ikel. L-intimata tispjega wkoll li hija kellha thallas spiza ulterjuri ta' €900 (disa' mitt ewro) rigward luminati, peress li bdew jinqalghu problemi minhabba li x-xorb beda jittiehed fil-kmamar. Illi fuq domanda tat-Tribunal, l-intimata spjegat li hija ma ghandha l-ebda ircevuta ta' hlas fuq din l-ispiza.

Illi x-xhieda Carmen Micallef u Maria Dolores Bonavia kienu entrambi fil-grupp ta' din il-gita partikolari. Essenzjalment dawn ix-xhieda jispjegaw li l-gita kienet pjacevoli u ma kien hemm l-ebda ilment rigward l-ikel offrut u l-akkomodazzjoni.

Illi t-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax kuntrast fil-versjonijiet avvanzati mill-partijiet.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil partijiet u x-xhieda prodotti minnhom, wara li ra u evalwa d-dokumentazzjoni ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba ta' €600 (sitt mitt ewro) bhala rifuzjoni ghal zewg persuni, kif avvanzata mill-attrici fic-cirkustanzi

tal-kaz, hija gustifikata u timmerita konferma. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri l-ammont ta' €300 (tlett mitt ewro) ghal kull persuna fuq din il-prenotazzjoni huwa wiehed gustifikat *arbitrio bon viri.*

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attrici irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha, b'dan li l-intimata ghandha thallas lil attrici s-somma ta' €600 (sitt mitt ewro) rapprezentanti rifuzjoni minn ammont akbar imhallas lil intimata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-attrici, u jordna lil intimata thallas lil attrici is-somma ta' €600 (sitt mitt ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru